# Life BaĦAR for Natura 2000

LIFE 12 NAT/MT/000845

## Diversità fl-Ibħra Tagħna

## L-ambjenti naturali tal-baħar

Il-baħar madwar il-Gżejjer Maltin hu rikk; b'diversità kbira ta' ħajja marittima, mill-plankton, għar-rizzi, qroll tal-baħar, raj u ħut. Il-baħar fih ambjenti naturali differenti li jipprovdu kenn, ikel u postijiet fejn jgħixu u jgħammru diversi speċi. L-għerien fil-baħar, is-sikek, l-imfierex tar-ramel u l-alka huma kollha eżempji ta' ambjenti naturali fil-baħar li huma importanti għaliex dawn għandhom rwol uniku biex imantnu l-ekosistemi u l-bijodiversità fil-baħar.



OCEANA/Carlos Minguell © LIFE BaĦAR for N2K

L-għan ewlieni tal-proġett *LIFE BaĦAR for N2K* hu li jħares din il-bijodiversità billi jiġġenera informazzjoni ġdida permezz ta' stħarriġ fil-baħar. Din l-informazzjoni sservi biex tistabbilixxi fejn hemm dawn l-ambjenti naturali, il-kundizzjoni tagħhom, liema speċi jiddependu fuqhom, u jekk l-attivitajiet tal-bniedem għandhomx impatt fuqhom. Meta nifhmu l-baħar tagħna aħna nkunu nistgħu nħarsu l-ambjent naturali u l-ispeċi li jgħixu fihom.

## Is-sikek

Hemm żewġ tipi ta' sikek — dawk ġeoġeniċi u dawk bijoġeniċi. Is-sikek ġeoġeniċi huma ambjenti naturali magħmula mill-blat fejn il-komunitajiet tal-annimali u l-pjanti jikbru fuq il-blat li jisponta minn qiegħ il-baħar, fuq sisien taħt il-baħar jew fuq il-borġijiet tal-ġebel. Is-sikek bijoġeniċi jinħolqu minn ħlejjaq żgħar li mbagħad iservu bħala ambjenti naturali fejn jgħixu speċi oħrajn. Is-sikek jinsabu f'fond differenti u f'għadd ta' għamliet differenti f'qiegħ il-baħar.



OCEANA © LIFE BaĦAR for N2K




Is-sikek huma differenti wkoll f'termini ta' liema komunitajiet jgħixu fuqhom u huma kunsidrati bħala postijiet mill-aqwa għall-bijodiversità. Diversi algi u annimali, inkluż kemm invertebrati kif ukoll ħut, huma normalment assoċjati mas-sikek. Il-kundizzjonijiet ambjentali tas-sikka jiddeterminaw liema jkunu dawk il-gruppi ta' speċi assoċjati ma' dan it-tali ta' ambjenti naturali.

L-ispeċi ta' qroll li jifformaw qafas fil-qiegħ tal-baħar jikbru biss fl-ilmijiet fondi u kiesħa, peress li dawn m'humiex addattati biex jgħixu fl-ilmijiet tal-wiċċ iktar sħan. Għalhekk is-sikek tal-qroll huma rari fil-Baħar Mediterran. Il-qroll ta' daqs kbir kapaċi jkun ħa mijiet ta' snin biex jilħaq d-daqs attwali tiegħu, peress li dawn l-ispeċi ta'qroll jikbru bil-mod ħafna. Minħabba f'hekk hu vitali li dawn l-ambjenti naturali ikunu protetti u konservati.

Bis-saħħa tal-proġett instabu għall-ewwel darba wesgħat estensivi u varji ta' qroll f'ilma kiesaħ f'fond ta' bejn it-300 u l-1,000 metru. Dawn jinkludew foresti ta' qroll iswed kif ukoll qroll abjad, aħmar u ta' kulur id-deheb. Instabet ukoll sikka ffurmata minn sponża fossilizzata f'fond ta' madwar 300 metru u mifruxa fuq zona wiesgħa 7 kilometri li sservi ta' post fejn jgħixu bosta speċi.

## Għerien

L-għerien fil-baħar jistgħu jkunu ffurmati meta l-mewġ iħabbat dirett fuq il-blat li jifforma xquq fil-blat li mbagħad jiffurmaw f'għerien. Jistgħu jkunu ffurmati wkoll fuq l-art permezz tal-azzjoni tal-ilma tal-pjan; dawn l-għerien imbagħad jispiċċaw taħt il-baħar minħabba li ċċedi l-art, jew minħabba f'żieda fil-livell tal-baħar, jew inkella bl-effett tat-tnejn.

Il-kundizzjonijiet ambjentali fl-għerien ivarjaw skont id-daqs u l-għamla tal-għar, fuq kemm ikunu mgħaddsin taħt wiċċ il-baħar, kemm ikunu mikxufa għall-mewġ u l-kurrenti kif ukoll minħabba tibdil fit-temperatura, l-imluħa tal-ilma u d-dawl. Dawn il-kundizzjonijiet jiddeterminaw x'tip ta' ħlejjaq jinstabu fl-għerien.



OCEANA/Carlos Minguell © LIFE BaĦAR for N2K

L-għerien fil-baħar jgħixu fihom komunitajiet ta' invertebrati marittimi u algi qrib il-bokka tal-għar. Dawn il-komunitajiet jinbidlu skont kemm ikunu milquta mill-qawwa tad-dawl u ċ-ċaqliq u l-moviment tal-ilma, liema kundizjonijiet ivarjaw mid-daħla sa ġewwa nett tal-għar. Il-kundizzjonijiet ta' dawl baxx u t-temperatura misjuba fl-għerien jistgħu jkunu jixbħu lill-ambjent tal-baħar fil-fond. Għalhekk xi ħxejjex u annimali li jgħixu f'ilma aktar fil-fond insibuhom ukoll jgħixu fl-għerien, anki f'baħar relattivament baxx.

Bis-saħħa tal-istħarriġ tal-proġett *LIFE BaĦAR for N2K* instabu għerien ġodda qrib il-kosta li jvarjaw minn dawk żgħar, li fihom biss ftit metri, għal oħrajn kbar magħmula minn xquq fondi fil-blat u f'sistemi ta' mini li jidħlu ħafna l-ġewwa fil-blat. Hemm ukoll sejbiet ġodda ta' għerien tal-baħar f'fond ta' bejn il-205-450 metri, kif ukoll għar li nstab f'fond ta' 795 metru.